Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8689 — Rubis/Phillips 66/Zeller & Cie)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 401/09)

1. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Rubis Terminal (Franza), li tappartjenu għar-Rubis Group,

— Phillips 66 Central Europe Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerika), li tappartjeni għall-Phillips 66 tal-Grupp,

— Zeller et Compagnie (Franza).

Rubis Terminal u Phillips 66 Central Europe Inc. jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Zeller et Compagnie kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Rubis Terminal: il-ħżin ta' prodotti petroliferi, kimiċi, agro-prodotti u fertilizzanti fl-Ewropa,

— għal Phillips 66 Central Europe Inc.: l-ipproċessar, it-trasport, il-ħażna u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-gass u ż-żejt fid-dinja,

— għal Zeller et Compagnie: il-bejgħ mhux min-network ta' fjuwils, il-bitum u ż-żejt u prodotti oħra taż-żejt mhux raffinat fir-reġjun ta' Alsace u l-Grand Est fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8689 — Rubis/Phillips 66/Zeller & Cie

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").